KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 55

**It-Tlieta 25 ta' April 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fis-5:45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 55.1 Qari tal-Apoloġiji

55.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 54

55.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

55.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 54 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 55.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 Is-Sindku informa li se jerġgħu jinġabru kwotazzjonijiet ġodda għall-filmat tal-proġett tat-torri u l-VC sabiex ikun jista' jintwera fl-auditorium waqt li l-VC ikun miftuħ.

55.3.2 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu se jiltaqgħu ma' rappreżentanti ta' Parks Malta sabiex isir xi xogħol fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bosk, eżattament fejn waqa' l-belveder biex jiġi rtirat l-istakkat (fencing), isiru xi picnic tables u laned tal-iskart ġodda, u jsir passaġġ biex wieħed ikun jista' jibqa' dieħel aktar 'il ġewwa. Hawnhekk il-Kunsillier Fenech talab li importanti li nassiguraw li fejn jiġi deċiż li jsir l-istakkat il-ġdid ikun sigur u possibbilment għandu jiġi ċċertifikat minn xi perit li se jkun qed jieħu ħsieb il-proġett.

55.3.3 Is-Sindku informa li fil-ġnien tal-Bandli kienu se jinbidlu żewġ strutturi tal-logħob min-naħa tal-Gvern Ċentrali. Sadanittant is-SE infurmat li hemm 3 CCTV's li mhumiex qed jaħdmu kif suppost u anke hemm problema b'xi leakage kif ukoll bis-sistema tal-irrigazzjoni.

55.3.4 Is-Sindku informa li l-aħħar laqgħa tar-Reġjun ma kinitx inżammet u għaldaqstant m'għandux x'jirrapporta minnha.

55.3.5 Is-Sindku informa li kien iltaqa' ma' resident li għandu kumpanija tal-gaming tiegħu u dan bħala parti mis-CSR jixtieq li jgħin lill-Kunsill. Kien hemm qbil li għandu jiġi mitlub jidentifika xi ġonna u jiġi bi proposta konkreta għall-evalwazzjoni tal-Kunsill.

55.3.6 Hawnhekk is-Sindku informa li hu u l-Kunsillier Dr Attard kienu se jkunu qed jirrappreżentaw lill-Imtarfa u lir-Reġjun Tramuntana waqt proġett tal-UE ġewwa Spanja waqt ix-xahar ta' Mejju 2023.

### 55.4 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

55.4.1 Is-SE talbet lis-Sindku jekk kienx hemm xi żviluppi dwar akkwist ta' fondi biex jitkompla l-proġett. Hija infurmat li fuq il-lista tal-pagamenti diġà hemm xi kontijiet relatati li se jibdew iħallu impatt kbir fuq il-finanzi tal-Kunsill.

55.4.2 Is-Sindku informa li s-Segretarju Permanenti kienet infurmatu li kienu qed jiddiskutu li togħla t-threshold biex jiżdied il-ko-finanzjament tal-fondi mid-DLG, hekk kif talab il-Kunsill.

55.4.3 Huwa informa li sadanittant kien qed jagħmel aktar pressjoni biex jinstabu xi fondi oħra.

55.4.4 Is-SE infurmat li kienet qed tissuġġerixxi li l-bankijiet tal-auditorium jinbidlu għal bankijiet jew siġġijiet flok bankijiet tal-konkrit kif issuġġeriti mill-periti. Dan għaliex dawn huma ħafna aktar versatili u jistgħu jitnaqqsu jew jiżdiedu jew jitpoġġew f'kamra oħra biex tinbidel l-użu tal-kamra kemm-il darba jkun hemm bżonn waqt xi funzjoni. Hija uriet xi mudelli li offrielha l-kuntrattur. Kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi bl-ordni ta' siġġijiet simili ta' li ġew murija jew mhux aktar għaljin minnhom.

55.4.5 Hija infurmat ukoll li l-kuntrattur tal-ELV's kien lesta l-maġġorparti tal-wiring u issa se jibda x-xogħol tal-casting tal-art bil-konkos u ftit ftit jidħlu l-kuntratturi l-oħra kollha biex jitlesta l-proġett. Bħalissa beda wkoll isir it-tkejjil tax-xogħol biex il-Kunsill ikun jista' jibda jħallas lill-kuntratturi.

55.4.6 Hawnhekk, hija preżentat rapport imħejji mill-kuntrattur tal-Finishes fejn juri li, għalkemm mhux ħafna, kien se jkun hemm xi tifdil wara d-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jsirx is-saqaf kollu bil-corten steel.

55.4.7 Minħabba li x-xogħlijiet kienu għadhom għaddejja, u maġġorment għaliex minħabba t-temp u l-umdità qawwija, kien hemm perjodu twil fejn il-kuntrattur ma setax jibda ċertu xogħol, bħall-membrane fuq il-bejt, is-SE talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għat-tiġdid tal-kuntratt tal-Finishes li kien se jiskadi fil-bidu ta' Mejju 2023. Kien hemm qbil li jiġi mġedded sal-aħħar ta' Ġunju 2023.

55.4.8 Hawnhekk daħal il-Kunsillier Dr Attard. Il-ħin kien is-6:45pm.

## 55.5 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv

55.5.1 Is-SE infurmat li qed tistenna *feedback* mingħand il-Jobsplus biex jgħaddulha l-lista ta' Part 3 biex isiru l-intervisti.

55.5.2 Reġa' ġie kkonfermat li sakemm ma titttiħiedx deċiżjoni mod ieħor il-bord tal-intervisti għall-ingaġġ għandu dejjem ikun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u s-SE.

55.5.3 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jissospendi l-laqgħa temporanjament biex il-membri jiltaqgħu mal-Kappillan. Il-ħin kien is-6:50pm.

55.5.4 Il-Kappillan informa li l-pjan huwa li l-proġett ikun maqsum fuq żewġ fażijiet - l-ewwel fażi se tkun tħaffir ta' parkeġġ u t-tieni fażi tkun il-bini ta' knisja. Huwa informa li kienu qed jiddiskutu u saħansitra talbu lill-Awtorità tad-Djar biex iċedu parti minn fuq u jieħdu parti minn taħt li hija proprjetà tal-Gvern biex ikabbru sala oħra biex tintuża bħala knisja temporanjament waqt li jkun qed isir il-proġett. Il-laqgħa mal-Kappillan spiċċat fis-7:35pm.

## 55.6 Ingaġġ ta' *Council Assistant*

55.6.1 Is-SE preżentat rapport imħejji mill-bord tal-intervisti fejn intagħżlet l-applikanta li ġabet l-akbar punteġġ. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u din il-persuna kienet se tintalab tibda xogħol mill-aktar fis possibbli biex tieħu ftit esperjenza fl-uffiċċju tal-Kunsill qabel ma jinfetaħ il-VC. Is-SE infurmat li hija kienet se tara li din il-persuna tibda wkoll tagħmel xi preparazzjonijiet fir-rigward ta' kif se jitħaddem il-VC, riklamar tiegħu, eċċ. Hija infurmat li minħabba li din il-persuna hija wkoll mil-lokal, kienet se tiffoka wkoll fuq il-possibbiltà li jiġi ffurmat grupp ta' voluntiera biex jagħtuha daqqa t'id u fl-istess waqt inħeġġu lir-residenti biex ikunu aktar parteċipi fit-tmexxija tiegħu.

55.6.2 Is-SE se tieħu ħsieb tmexxi bil-proċeduri tal-ingaġġ.

## 55.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Jan – Marzu 2023)

55.7.1 Is-SE infurmat kien hemm l-accountant tal-Kunsill onlajn sabiex tagħti spjega tal-andament tal-ewwel kwart.

55.7.2 L-Accountant infurmat li sal-aħħar ta' Marzu l-indikatur finanzjarju kien 12%. Hija infurmat li jidher li l-ġabra tal-iskart kienet se tonqos minn kif kien pjanat fil-baġit għalkemm min-naħa l-oħra kien għolew it-tipping fees.

55.7.3 Ir-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 55.8 Kontijiet tal-iskart domestiku

55.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet il-kontijiet tal-iskart domestiku għax-xhur ta' Jannar u Frar 2023.

55.8.2 Infurmat ukoll li se jinżamm kors dwar l-immaniġġjar tal-iskart minn tnejn mill-Managers tar-Reġjun Tramuntana, Elisa u Remi. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jattendu għaliex meta huma jkunu mgħarrfa jistgħu jedukaw aktar lir-residenti. Hija infurmat li kienet se tħajjar lill-impjegati tal-Kunsill sabiex jattendu wkoll sakemm dan ikun jista' jsir filgħodu.

## 55.9 Punti Oħra

55.9.1 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera li sax-xahar ta' April kull membru kellu jgħaddi l-informazzjoni dwar id-dekasteru tiegħu/tagħha. S'issa hija kienet irċeviet ir-rapport tal-Kunsillier Fenech biss.

55.9.2 Hawnhekk kien hawn qbil li għandu jinħareġ default lill-kuntrattur tal-knis minħabba li għalkemm iltaqgħu miegħu aktar minn darba u wiegħed li se jirranġa, xorta kien għad hemm il-problemi.

55.9.3 Fir-rigward tal-offerti tas-soft areas u tal-knis, hija talbet lill-Kunsill biex jestendi għal ftit minħabba li ma kinitx għadha ppubblikathom. Hija infurmat li l-kuntrattur tal-knis probabbli mhux se jkun jixtieq jestendi imma f'dak il-każ, kienet qed iġġib xi kwotazzjonijiet biex sakemm jinbeda l-kuntratt il-ġdid, il-knis isir minn xi kuntrattur ieħor b'mod temporanju. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha ġġib kwotazzjonijiet mingħand kuntratturi differenti għal xogħol temporanju fuq bażi ta' knis f'kull triq ta' darba fil-ġimgħa filwaqt li l-laned għandhom xorta jiġu mnaddfa darbtejn fil-ġimgħa. Hawnhekk kien hawn qbil li ladarba l-kuntratt għadu ma ħariġx, is-SE għandha tibdel il-kundizzjonijiet biex flok jitnaddfu darbtejn it-toroq jitnaddfu biss darba fil-ġimgħa u hekk il-Kunsill jassigura li għallanqas ikunu qed isiru għaliex jista' jsiru kontrolli aħjar.

55.9.4 Is-SE infurmat li kien hemm stedina lill-Kunsill kollu għal laqgħa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar it-tnedija tal-viżjoni strateġika nazzjonali tal-Gvern Lokali.

55.9.5 Is-SE infurmat li irċeviet kommunikazzjoni dwar video li se jittieħed għall-Games of the Small States of Europe u talbu li jiġbdu xi shots viċin il-pont ta' ħdejn l-istazzjon. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 55.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

55.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 03/2023), kopja tagħha mehmuża.

55.13.2 Il-Kunsillier Sammut Dimech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 55.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

55.14.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:15pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 16 ta' Mejju 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' April 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv